# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Novembru 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Ħalli nifthu qalbna biex niltaqgħu u niddjalogaw ma' kulħadd, anke ma' min jifhimha xorta oħra.**

## Ninġabar:

Nieqaf mir-rutina ta' kuljum, insib post komdu u nisma' b'attenzjoni kbira l-ħsejjes ta' madwari.... issa ħsiebi jmur fuq dak li għaddej ġewwa fija.... nagħraf id-differenza bejn dak li għaddej barra minn dak li għaddej ġewwa fija.... meta l-attenzjoni tkun aktar fuq il-ġewwieni tiegħi u l-ħsejjes l-oħra nħosshom 'il-bogħod, naħseb fuq dak li ser nagħmel.... nirrifletti fuq kif il-bnedmin jikkomunikaw bejniethom u kif jidħol Alla f'dan kollu.

## Fatt ċkejken:

Mikiel, kunsillier lokali, isegwi b'għajnejh magħluqa l-linja tal-partit politiku tiegħu. Għalhekk meta l-partit tiegħu approva l-iżvilupp ta' spazju miftuħ fir-raħal tiegħu, hu wkoll qabel miegħu. Iżid in-negozju, qalulu, u jġib il-flus fil-lokalità. Issa s-sindku, li telgħet bħala kandidat indipendenti, ftehmet miegħu biex jiltaqgħu u jiddiskutu l-proġett. Qaltlu li ħafna residenti tal-post kienu kontra l-proġett. Minħabba f'hekk riedet li l-kunsill lokali jniedi kampanja kontra dan l-iżvilupp. Importanti, skont hi, li l-kunsilliera kollha jaqblu fuq dan. Mikiel wieġeb li hu se jżomm mal-linja tal-partit u jappoġġja l-proġett.



Iżda, wara din il-laqgħa, Mikiel iltaqa' ma' diversi persuni fit-toroq tar-raħal li wrew korla kbira għal dan il-proġett. Ħassew li kien hemm wisq aktar bżonn ta' postijiet miftuħa għall-passatemp. Dawn in-nies kienu favur il-partit tiegħu, imma mhux fuq din il-kwistjoni. Għalhekk staqsa bejnu u bejn ruħu, "Jista' jkun li l-partit qiegħed fit-tort?"

## Naħseb ftit:

F'dan il-fatt, għaliex daqshekk importanti li Mikiel jisma' lill-oħrajn?

Fid-diskors li jkolli mal-oħrajn, naħseb biss x'se ngħid jien jew nipprova nifhem il-punt tal-ieħor, anke jekk ma naqbilx miegħu?

## Nitlob:

Mulej għallimna nisimgħu tassew lil xulxin. Għinna, nitolbuk, biex ma nieħdu l-ebda deċiżjoni qabel ma nkunu ċerti li fhimna l-idea ta' ħaddieħor.

## Kliem ta' dawl:

L-affarijiet jinbidlu meta tisma' u tiddjaloga man-nies li qed jagħmlu dak li, għalik, mhux tajjeb.

*Jane Goodall*

## X'nista' nagħmel:

Matul din il-ġimgħa nisma' sew dak li l-oħrajn jgħiduli. Nieqaf u naħseb qabel ma ngħid tiegħi.

Ma nħallix l-emozzjoni tiġri bija meta nitħaddet ma' nies li ma naqbilx magħhom.

Jekk hemm xi argument sħun, nipprova niddjaloga b'rispett kbir mal-persuni kollha li għandhom x'jaqsmu miegħu.